# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU, 2022

**Kawża Numru:13**

**Rik. Ġur. 96/2016 RGM**

**Saviour sive Sam Borg**

**vs.**

**Ignatius sive Iggie Borg**

**u martu Pamela Elsie sive Pam Borg**

**u**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**(C-3177)**

**Il-Qorti,**

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qed jitlob li l-Qorti (i) tiddikjara li firma fuq prokura li sar użu minnha fuq *guarantee forms* tal-bank konvenut u fuq kuntratt ta' self ma hiex il-firma tiegħu, (ii) tiddikjara li l-*guarantee forms* u garanzija mogħtija f'ismu fuq kuntratt ta' self lil ħuh ma jagħmlux stat di fronte għall-attur; u (iii) tħassar l-iskrizzjonijiet ipotekarji li ġew reġistrati kontra l-attur in forza ta' dik il-prokura. Il-kawża odjerna ġiet intavolata wara li b'sentenza llum definitiva l-attur ġie kkundannat, qua garanti, iħallas lill-bank id-dejn ta' ħuh.

**Preliminari**.

1. Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Saviour sive Sam Borg (l-attur)** ippreżentat fil-5 ta' Frar, 2016 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. ILLI fl-ewwel ta' Frar 1995, il-konvenut Ignatius Borg deher fuq żewġ skritturi (Dok.SB1 u SB2) fil-kwalità allegata ta' prokuratur ta' ħuh l-attur, u permezz tagħhom għamel tajjeb għalih innifsu u għal martu l-konvenuta Pamela Elsie Borg fil-konfront ta' l-allura Mid-Med Bank Ltd in konnessjoni mal-ħruġ ta' faċilitajiet bankarji f'ammont komplessiv ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000);

2. ILLI fl-14 ta' Marzu 1995, l-istess konvenut Ignatius Borg reġa' deher, allegatament fil-kwalità ta' prokuratur ta' l-attur, din id-darba fuq att pubbliku (Dok.SB3) li permezz tiegħu il-konvenuti konjuġi Borg ħadu mingħand l-allura Mid-Med Bank Ltd *overdraft facility* fl-ammont ta' ħamest elef lira Maltin (Lm5,000) u *loan* fl-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000), u in konnessjoni ma' tali faċilitajiet ġiet ikkostitwita favur il-bank ipoteka ġenerali fuq il-ġid kollu ta' l-attur, kif ukoll ipoteka speċjali fuq ir-residenza ta' l-attur, l-appartament numru wieħed (1), 'Casuarina', Trejqa San Ġorġ, San Ġiljan; ma' tali kuntratt ġiet annessa bħala 'Dok. A' prokura bla data allegatament iffirmata mill-attur;

3. ILLI wara dan, il-konvenuti konjuġi Borg fallew u telqu minn Malta u ħallew diversi djun warajhom, fosthom is-self fuq imsemmi; il-bank konvenut istitwixxa proċeduri ta' subbasta fuq il-proprjetà tal-konvenuti mingħajr ma avża b'dan lill-esponenti, il-proprjetà nbiegħet bi prezz irriżorju, u mbagħad l-istess bank dar fuq l-esponent u nterpellah sabiex iħallas is-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) in konnessjoni mal-garanziji u l-ipoteki fuq imsemmija; dan apparti li sar ukoll dejn ma' bank ieħor b'garanzija fuq depożitu bankarju ta' ċirka sitt elef lira Sterlina li nġibdu ukoll;

4. ILLI l-attur la jiftakar li iffirma prokura u lanqas li tali prokura ġiet moqrija u spjegata lilu minn nutar; rinfaċċjat però bl-allegata firma tiegħu fuq il-prokura annessa mal-kuntratt fuq imsemmi huwa ma kienx f'posizzjoni li jiċħad il-ġenwinità tagħha għaliex tixbaħ ħafna lil tiegħu;

5. ILLI eventwalment il-bank konvenut istitwixxa proċeduri kontra l-esponent għall-ammont imsemmi, liema kawża ġiet deċiża kontra l-esponent u fil-preżent tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (*HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg*, Rik. Nru 459/2003);

6. ILLI reċentement, il-konvenuti irritornaw jgħixu Malta, u l-attur iltaqa' ma' ħuh il-konvenut Ignatius Borg, u urieh kopja tal-prokura in kwistjoni u saqsih dwar kif ġiet iffirmata; il-konvenut spjega lill-esponent illi kienu marru flimkien għand in-Nutar Tabone sabiex issir din il-prokura, u waqt li kienu qegħdin jistennew ċempel in-nutar u qal li ser jittardja u li f'dan il-punt l-esponent telaq u Ignatius iffirma għal ħuh, u dan skond l-istess Ignatius Borg; fi kliem ieħor, huwa ammetta ma' l-esponent li l-firma fuq il-prokura hija falza u li l-esponent qatt ma ffirma quddiem in-Nutar imsemmi;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponent jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

i. Tiddikjara, *occorrendo* permezz tal-ħatra ta' periti kalligrafiċi nominandi, li l-firma 'S. Borg' fuq il-prokura bla data mmarkata 'Dok. A'

annessa mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone ta' l-14 ta' Marzu 1995 (Dok. SB3) mhijiex il-firma ta' l-attur;

ii. Konsegwentement tiddikjara li l-iskritturi ta' l-1 ta' Frar 1995 (Dok. SB1 u SB2) u l-kuntratt ta' l-14 ta' Marzu 1995 msemmi fl-ewwel talba (Dok. SB3) ma jagħmlux stat fil-konfront ta' l-esponent u konsegwentement tordna t-tħassir ta' l-ipoteka ġenerali u ta' l-ipoteka speċjali relattivi u tan-nota ta' l-iskrizzjoni ipotekarja numru 5037/1995 (Dok. SB4) safejn tali nota tirreferi għall-attur.

Bl-ispejjeż legali, u bir-riżerva ta' kull azzjoni legali neċessarja u opportuna.

2. Rat ir-**risposta ġuramentata ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (il-bank konvenut jew HSBC)** ippreżentata fl-1 ta' Marzu, 2016 fejn jingħad kif ġej:

**1.** Illi preliminarjament il-konnessjoni tal-ażżjoni ai termini tal-artikolu 793 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mal-kawża fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' April 2012 Rikors 495/2003 liema kawża ġiet appellata mir-rikorrenti u ghandha tinstema fid-29 ta' Frar 2016 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;

**2.** Illi stante li r-rikorrenti ġja qajjem l-eċċezzjoni ta' nullita f'dawk il-proċeduri u dana ai termini tal-artikolu 1226 tal-Kap 16 allura f'każ ta' eżitu negattiv ghalih fil-proċeduri tal-appell fuq ċitati l-ażżjoni odjerna għandha tiġi respinta bħala milqutha minn res ġudikata.

**3.** Illi mingħajr preġudizzju ghal fuq suespost ghandha tapplika ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap 16.

**4.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-mandat huwa validu u ġie ratifikat diversi drabi mill-istess rikorrenti b'atti esterjuri kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża (art 1227 et seq tal-Kap 16).

**5.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet għandhom jiġu miċħuda ghaliex dak li qed jiġi kkonfermat bil-ġurament f'din il-kawża huwa dijametrikament oppost għall dak li ġie kkonfermat bil-ġurament mill-istess rikorrenti fil-proċeduri fuq ċitati ;

**6.** Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi

Bl-ispejjeż

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

**1.1** Illi din il-kawża hija konnessa ai termini tal-artikolu 793 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mal-kawża fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' April 2012 fl-ismijiet Rikors 495/2003 HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg liema kawża ġiet appellata u ghandha tinstema fid-29 ta' Frar 2016 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Dokument HSBC1. Illi, f'dik il-kawża r-rikorrenti eċċepixxa li huwa kien ta prokura ġenerali lill-ħuħ imma dan ta' l-aħħar użaha frawdolentement biex jiffirma l-garanziji esebiti minnu bħala dokument SB1 u SB2. Barra mill-fatt li dan huwa konfliġġenti mal-posizzjoni meħuda f'dawn il-proċeduri teżisti sentenża dwar il-validita' ta' dawn il-garanziji liema sentenza qed tistenna l-eżitu ta' proċeduri ta' appell ntavolati mill-istess rikorrenti bl-ewwel dehera ffissatha ghad-29 ta' Frar 2016.

**1.2** F'każ ta' eżitu negattiv ghar-rikorrenti fl-appell tiegħu tiġi eċċepita r-res ġudikata.

**1.3** Illi l-azzjoni hija manifestament perenta ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap 16;

**1.4** Illi l-mandat huwa validu u ġie ratifikat diversi drabi mill-istess rikorrenti b'atti esterjuri kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

**1.5** Illi din l-Onorabbli Qorti hija bl-akbar rispett mitluba tqabbel id-deposizzjonijiet mghotija fil-proċeduri fuq ċitati mal-posizzjoni li qed jieħu issa r-rikorrenti f'din il-kawża u tieħu dawk il-provvedimenti li jidhrilha ġusti fiċ-ċirkostanzi;

**1.6** Illi ir-rikorrenti issa qed jghid li mar għand n-nutar Joseph Tabone ma huħ biex jiffirma prokura favuriħ u biex ma joqghodx jistenna telaq u ħalla lil ħuħ waħdu hemm. Ir-rikorrenti qed jgħid li ma kienx jaf x'ġara wara u li għalkemm kellu d-dubbji tiegħu dwar il-firma fuq il-prokura għazel li ma jattakahiex "*għaliex tixbaħ ħafna lil tiegħu*". ĦUĦ falla u ħarab minn Malta. Fl-elenku tax-xhieda tiegħu jniżżel lill-"*qraba ta' l-aħwa Borg dwar il-karattru ta' Ignatius Borg u ta' martu Pamela Elsie Borg*". Fid-dawl ta' dan kollu il-fatt li r-rikorrenti qatt ma pproċeda biex jannulla l-prokura mgħotija b'allegat frodi jikxef inkosistenti fil-posizzjoni tiegħu.

**1.7** Illi **ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12,** u fid-dawl tas-suespost, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati minn Borg Saviour huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ippruvati

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi

3. Rat illi l-konvenuti **Ignatius u Pamela Borg (il-konvenuti Borg)** għalkemm notifikati bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni naqsu milli jippreżentaw risposta ġuramentata u għalhekk huma meqjusa kontumaċi;[1]

4. Rat illi fis-16 ta' Marzu 2017 din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talba tal-bank konvenut sabiex tiġi trattata u deċiża t-tieni eċċezzjoni tal-istess bank u ċioe l-eċċezzjoni tar-*res iudicata*;

5. Rat illi b'**sentenza *in parte* tat-8 ta' Novembru 2017** din il-Qorti kif diversament preseduta ċaħdet l-eċċezzjoin tar-*res iudicata* eċċepita mill-bank konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

---

[1] Ara digriet mogħti fit-2 ta' Novembru 2018, paġna 118 et seq tal-proċess.

6. Rat illi b'digriet tal-20 ta' Frar 2020, il-Qorti kif presjeduta innominat lill-**Espert Kaligrafu Joseph Mallia**, sabiex jirrelata dwar l-awtenticita' tal-allegata firma ta' Saviour Borg, fuq il-prokura li kopja tagħha tinsab f'paġna 16 tal-proċess u li l-oriġinal tagħha jinsab fl-Arkivji Notarili, annessa ma' att tan-Nutar Dr. Joseph Tabone tal-14 ta' Marzu 1995, kopja ta' liema kuntratt tinsab f'paġna 13 tal-proċess;

7. Rat ir-**rapport tal-Espert Kaligrafu** ippreżentat fl-20 t'Awwissu 2020 u maħluf fis-7 t'Ottubru 2020;[2]

8. Rat in-nota tal-bank konvenut ppreżentata fid-19 ta' Frar 2021 bil-mistoqsijiet in eskussjoni għall-Espert Kaligrafu;[3] kif ukoll ir-risposti tiegħu.

9. Rat li b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2021 ġew allegati l-atti tal-kawża fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs. Saviour sive Sam Borg (Ċit Nru 459/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016.

10. Semgħat ix-xhieda imressqa mill-partijiet;

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fit-3 ta' Marzu 2022[4] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-bank konvenut ippreżentata fil-25 ta' Marzu 2022[5];

12. Semgħat l-eskussjoni ulterjuri tal-perit kaligrafu fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022;

13. Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

14. Ikkunsidrat;

---

[2] Paġna 165 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 201 tal-proċess.
[4] Paġna 236 et seq tal-proċess.
[5] Paġna 247 et seq tal-proċess.

**L-Azzjoni Attriċi**

15. Permezz tal-kawża odjerna l-attur qed jitlob li jiġi dikjarat illi firma allegatament mogħtija minnu fuq prokura li intużat (i) sew fuq *guarantee forms* mal-bank konvenut kif ukoll (ii) fuq kuntratt ta' self ippubblikat min-Nutar Joseph Tabone bejn il-konvenuti Borg u l-bank konvenut, fejn fuq il-kuntratt l-attur deher bħala garanti bis-saħħa ta' dik il-prokura, ma hiex tiegħu. Jitlob għalhekk illi l-Qorti (i) tiddikjara illi l-guarantee forms u l-garanzija fuq il-kuntratt ta' self ma jagħmlux stat di fronte għalih; u (ii) tordna t-tħassir tal-iskrizzjonijiet ipotekarji waħda ġenerali u oħra speċjali fuq proprjeta' tiegħu li kienu ġew reġistrati in forza ta' dik il-prokura.

16. Il-prokura bil-firma impunjata kienet intużat mill-konvenuti Borg fuq żewġ *guarantee forms* tal-Mid-Med Bank Limited datati l-1 ta' Frar 1995 kif ukoll fuq att pubbliku tal-14 ta' Marzu 1995 in atti Nutar Joseph Tabone li permezz tagħhom Mid-Med Bank Ltd dak iż-żmien kien ta lill-konvenuti Borg faċilita' ta' *overdraft* ta' Lm5,000 u self fl-ammont ta' Lm1,000. Bis-saħħa tal-prokura impunjata ġiet ikkostitwita favur il-bank konvenut ipotetika ġenerali fuq il-ġid kollu tal-attur kif ukoll ipotetika speċjali fuq ir-residenza tal-attur. (Nota Ipotekarja 5037/1995).

17. Jirriżulta illi l-bank konvenut kien fittex lill-konvenuti konjuġi Borg għall-ħlas lura tas-self iżda ma rnexxilux jiġbor l-ammont kollu. Sussegwentement interpella lill-attur sabiex iħallas is-somma ta' Lm6,000 in forza tal-garanzija u l-ipoteki imsemmija. Peress li l-attur baqa' ma ħallasx, il-bank konvenut intavola kawża kontra l-attur għall-kanonizzazzjoni tal-imsemmi kreditu kontra l-attur waħdu, liema kawża ġiet deċiża kontra l-attur b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' April 2012 konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016. (Citaz. Nru. 459/03AL).

18. Ikkunsidrat;

**Provi**.

19. Xehed in-**Nutar Joseph Tabone** fejn spjega li l-prokura jidher li kienet saret quddiemu għalkemm ma jiftakarx iċ-ċirkostanzi partikolari peress li għadda ħafna żmien.

20. Jaf fi żgur li huwa kien spjega l-prokura u din mhux bħala ċirkostanza partikolari iżda għaliex hija ħaġa normali li jagħmel hekk. Jgħid li meta jispjega huwa ma jdurx klawola klawsola ta' fuq il-prokura ġenerali iżda jagħti spjegazzjoni ġenerali fejn jgħid lil min ikun qed jagħti prokura ġenerali, illi lil min qiegħed jaħtar jista jagħmel kollox f'ismu.

21. Huwa xhed li l-identita tal-persuna li jkollu quddiemu jikkonfermaha bis-saħħa tal-karta tal-identita. Għall-mistoqsija tal-Qorti jekk kienx sema' qabel dak il-jum li fih kien qed jixhed bl-allegazzjoni li l-prokura saret mingħajr il-preżenza ta' Saviour Borg jgħid li qatt ħadd m'avviċinah dwar dan u kienet fil-mument li kien qiegħed jixhed quddiem il-Qorti li sema' għall-ewwel darba b'tali allegazzjoni.

22. Xehed l-attur **Saviour Borg** fejn spjega li meta sar il-kuntratt ta' self mill-konjuġi Borg huwa ma kienx miġġieled minn ma' ħuh Ignatius Borg. Jgħid li huwa sar jaf b'dak li għamillu ħuħ snin wara. Jinsisti li huwa qatt ma ffirma xi prokura. Meta ingħad lilu waqt ix-xhieda li "fil-kawża l-oħra mhux hekk għedt, fil-kawża l-oħra għedt li ffirmajta int" ix-xhud irrisponda hekk: "Imma hekk hu li qed ngħid issa."[6]

23. Rigward jekk jiftakarx jekk kienx mar Mid-Med Bank ma' ħuħ jikkonferma li mar:

"Dr Joseph Camilleri: U x'mort taghmel?

[6] Paġna 225 tal-proċess.

Saviour Borg: Biex naghmillu tajjeb guarantor ghal five thousand (5,000) u kelli flus ma kienx hemm ghalfejn paperwork u dan ghax kelli l-Bank bizejjed biex naghmillu nselfu."[7]

24. Jgħid li preżenti għal dik l-iskrittura kien hemm hu u ħuħ; nutar ma kienx hemm.

25. In kontro-eżami, fuq mistoqsija jekk il-prokura kinitx dwar xi flus marbuta li kellu mal-Bank of Valletta, ix-xhud jgħid li issa tgerfex. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti kif ġiet f'idejh il-prokura jgħid li nesa iżda meta ġie mistoqsi l-istess mistoqsija mill-avukat tiegħu jgħid li ġabarha minn Vincenti Buildings.

26. Mistoqsi x'għamel meta induna li kien hemm prokura b'firma li qed jikkontesta jgħid li huwa mar immedjatament għand l-avukat u fetaħ dawn il-proċeduri.

27. Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

28. Kif rajna supra din il-Qorti diversament presjeduta ġia' iddeċidiet b'sentenza *in parte* tal-1 ta' Lulju 2017 l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* sollevata mill-bank konvenut.

**It-Tielet Eċċezzjoni tal-Bank Konvenut li l-Azzjoni Attriċi hija Preskritta ai termini tal-Artikolu 1222 tal-Kap. 16**

29. Imiss li qabel jiġi trattat il-mertu l-Qorti tikkonsidra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-bank konvenut.

30. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu HSBC eċċepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-**Artikolu 1222 tal-Kapitolu 16**.

31. Dan l-artikolu jaqra hekk:

[7] Paġna 226 tal-proċess.

1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.

(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.

32. Isegwi **Artikolu 1223** li jipprovdi illi:

(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza,minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.

(2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt.

33. Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili jirrigwarda l-preskrizzjoni għall-azzjoni ta' rexxissjoni ta' kuntratt li jkun nieqes minn xi waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji għall-validita' tiegħu jew għaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu.

34. Permezz tat-talbiet tiegħu l-attur mhux jitlob ir-rexxissjoni ta' xi att partikolari iżda qed jitlob dikjaraazzjoni ġudizzjarji li sew il-*guarantee forms* kif ukoll il-kuntratt ta' self bejn il-bank konvenut u l-konvenuti Borg ma jagħmlux stat di fronte għalih. Fi kliem ieħor huma nulli *ab initio* fuq il-pretest illi kollox sar in forza ta' prokura b'firma falza. Għalhekk qed jitlob ukoll it-tħassir tal-iskrizzjonijiet ipotekarji fil-konfront tiegħu.

35. Talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' *ab initio* hija ben diversa minn talba għal rexxissjoni ta' kuntratt annullabbli.

36. Il-Qorti tiċċita b'approvazzjoni dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Alfred Scicluna noe. vs. Citadel Insurance p.l.c.** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2008:

> "Din il-Qorti tirreferi wkoll ghad-distinzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-appell fit-8 ta' Marzu 1948 fil-kawza **Falzon vs Buhagiar** fejn irriteniet li dwar nullita` assoluta ma hemmx bzonn ta' azzjoni appozita izda l-Qorti tista' tezamina l-kuntratt anke jekk dan gie sollevat b'eccezzjoni waqt li fil-kaz tan-nullita` relattiva (a distinzjoni tan-nullita` assoluta jew inezistenza) hija necessarja azzjoni appozita biex l-att jigi annullat. Ara wkoll **Higgins vs Galea**, Prim Awla 13/06/97 u **Dr. Ganado vs Dr. Mifsud Bonnici**, Qorti ta' l-appell 04/06/84).

37. Dwar in-natura ta' kuntratt **Artikolu 960 tal-Kapitolu 16** jiddefinixxi "kuntratt" bħala "konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni." Tali kuntratt ikun jiswa kemm-il darba jkunu sodisfatti r-rekwiżiti essenzjali u ċioe` li l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw; li jkun hemm il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruħu; li l-oġġett tal-kuntratt tkun ħaga żgura; u finalment il-kawża ta' l-obbligazzjoni tkun waħda leċita.

38. Dwar il-preskrizzjoni applikabbli fejn si tratta ta' nullita' *ab initio* ssir referenza għas-sentenza **John Richard Gibblett pro et noe vs. M& R Holdings Ltd et** (Ċit Nru 978/2011) deċiża mill-Prim'Awla fit-8 ta' Jannar 2013 fejn ġie spjegat li:

> "[...] l-*errore in corpore* huwa essenzjalment nuqqas ta' ftehim u kunsens fuq l-**oġġett** tal-ftehim (fit-test Ingliż definit bħala '**subject matter**') u mhux sempliċi vizzju tal-kunsens; …
>
> 6. Illi fid-dritt Franċċiż, l'*erreur in corpore* huwa meqjus li jaqa' taħt il-kategorija ta' '*erreur obstacle*', li jġib nullita' assoluta, hekk kif distint mill-kategorija ta' *erreur vice de consentement* li jwassal biss għan-

nullita' relattiva. L'*erreur in corpore* huwa meqjus bħala '***l'erreur qui interdit l'accord des volontes****... les deux contractants ne sont pas compris; chacun s'est trompe, non sur ce qu'il voulait, mais sur ce que voulait son concontractant; l'erreur obstacle est un dialogue des sourds.* ***Aussi fait-il voir en elle plus qu'un vice du consentement: elle empeche le consentement****, l'accord des volontes; il y a, en realite,* ***absence de consentement, entrainant la nullite absolue du contract. C'est l'erreur sur l'identite de l'objet du contrat*****. [Mazeaud et., Lecons De Droit Civil, Obligations, Theorie Generale, 9th Ed., Montchrestien**, pp.158-161, 173.]

7. Illi b'hekk l'*erreur in corpore* jimplika nuqqas assolut ta' ftehim, li jwassal għal nullita` assoluta tal-kuntratt, u kwindi azzjoni imsejsa fuq tali istitut hija impreskrittibbli, għaliex tkun qiegħda titlob lil Qorti tirrikonoxxi stat ta' fatt, u cioe` li att partikolari, minkejja li jista' jkollu l-formalijiet kollha li teżiġi l-liġi, kien null 'ab initio' u għadu u jibqa' null b'mod assolut;…"

39. Fir-rigward tal-preskrizzjoni applikabbli dwar talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' radikali b'sentenza **John Grech vs. Ivan Mifsud et** (Ċit. Nru. 1476/01) mogħtija fil-26 ta' Frar 2007 kellha dan xi il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:

"Għalhekk fil-qasir wieħed jista' jgħid li meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn, inkluż fir-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza. Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispiċċa, u fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett. Il-preskrizzjoni ta' sentejn jibdew jgħoddu minn meta jinkixef l-iżball jew għemil doluż. Din l istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-każijiet ta' nullita` radikali; għax in-nullita` radikali tirrendi l-obligazzjoni ineżistenti."

40. Fuq l-istess linja ta' ħsieb hija s-sentenza **Ġużeppa Portelli vs. Belignia Portelli et.** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Diċembru 2014, f'kawża b'fattispecie xi ftit jew wisq simili għal dawk tal-kawża odjerna:

> "Għandu jingħad qabel xejn illi l-attriċi ma hijiex qiegħda tfittex dikjarazzjoni tan-nullità tal-obbligazzjoni tagħha taħt il-kitba tal-25 ta' Ġunju 1978 daqskemm dikjarazzjoni tal-ineżistenza tal-obbligazzjoni billi dan huwa każ mhux ta' vizzju tal-kunsens iżda ta' ineżistenza tal-kunsens. Għalhekk, strettament, l-azzjoni tal-attriċi ma tintlaqatx bi preskrizzjoni ………. azzjoni għal dikjarazzjoni ta' ineżistenza ma tintlaqatx bi preskrizzjoni."

41. Huwa evidenti mill-qari tal-premessi u aktar u aktar tat-talbiet attriċi tal-kawża odjerna, l-azzjoni attriċi m'hijiex waħda għar-rexxissjoni tal-*ġuarantee forms* jew tal-kuntratt ta' self iżda għal rikonoxximent ġudizzjarju li l-firma fuq il-prokura ma hiex tal-attur.

42. Applikata l-ġurisprudenza fuq ċitata għall-kawża odjern, il-Qorti tqis illi t-talba attriċi sabiex tiġi dikjarata l-ineżistenza tal-firma tal-attur fuq il-prokura li intużat mill-konvenut hija talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' radikali u għalhekk ma hiex milquta bil-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 1222 tal-Kap. 16, preskrizzjoni li kif rajna hija applikabbli għall-azzjonijiet ta' rexxissjoni ta' kun kuntratti annullabbli u mhux għall-azzjonijiet dwar nullita' ab initio. Għall-istess raġuni ma tintlaqatx bil-preskrizzjoni eċċepita mill-bank konvenut it-tieni talba attriċi.

43. Għaldaqstant it-tielet eċċezzjoni tal-bank konvenut fejn eċċepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 qed tiġi respinta.

**L-Ewwel Talba Attriċi – Il-Firma fuq il-Prokura**.

44. L-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara illi l-firma fuq il-prokura annessa mal-kuntratt ta' self u li l-oriġinal tagħha llum jinsab konservat fl-arkivji notarili flimkien mal-oriġinal tal-kuntratt ma hiex tiegħu.

45. L-espert kaligrafu nominat mill-Qorti ikkonduċa eżamijiet xjentifiċi fuq il-firma kontestata komparata ma' diversi firem tal-attur sew meħuda f'aktar minn okkażjoni waħda b'kampjun waqt l-eżerċizzju peritali kif ukoll komparata ma' żewġ firem fuq żewġ passaporti tal-attur maħruġa fis-sena 1990 u fis-sena 2002 rispettivament.

46. Fil-konklużżjoni tiegħu l-espert kaligrafu jirrelata:

"4. Illi fl-opinjoni tal-esponent, il-kors tal-kitba formanti l-firma "S.Borg" kif miktuba fuq il-prokura oriġinali magħmula quddiem in-nutar Dr Joseph Tabone nhar l-14 ta' Marzu 1995, ma hux kompatibbli mal-kors tal-kitba kif normalment jikteb is-sur Saviour sive Sam Borg……"

47. In eskussjoni l-espert kaligrafu spjega illi għalkemm minn żmien għal żmien fuq medda ta' ħamsa u għoxrin sena l-kaligrafija tista' tinbidel, ċertu karatteristiċi ġeneralment jibqgħu stabbli. L-istess karatteristiċi jibqgħu ukoll ġeneralment stabbli anke meta jkun hemm ċirkostanzi partikolari bħal stress, għejja, trattament mediku jew nuqqas ta' attenzjoni. Ikkonkluda l-eskussjoni tiegħu hekk: "Illi fl-opinjoni tiegħi fil-kors tal-kitba tal-firma "S.Borg" kif miktuba fuq il-prokura oriġinali magħmula quddiem in-nutar Dr Joseph Tabone nhar l-14 ta' Marzu 1995, ġew identifikati aktar punti inkompatibbli milli punti kompatibbli hekk kif normalment jiffirma s-sur Saviour sive Sam Borg.".

48. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Attard & Co. Ltd vs. Awtorita' tal-Artijiet** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Novembru 2022:

> 19. Issa bħala prinċipju huwa ritenut li l-konklużjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu opinjoni li għandha valur probatorju daqs kull prova oħra

u li tibqa' tipprevali sakemm ma tiġix kontrastata jew bi provi oħra li jikkontradixxu l-istess rapport jew inkella tiġi newtralizzata b'sottomissjonijiet tal-parti li jagħmluha waħda mhux attendibbli u kredibbli. Hu veru wkoll li l-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha stess (Artikolu 681 tal-Kap. 12). Dan pero` ma tistax tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha għandha tkun waħda nformata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li m'għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami. (Ara sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Diċembru, 2002, fil-kawża fl-ismijiet **Louis Gauci v. Angela Attard**).

[…]

"…. għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u l-Qorti mhijiex tenuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, il-giudizio dell'arte kif espress mill-perit tekniku m'għandux jiġi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu taċ-ċirkostanzi rraġjonevoli. Il-Qorti m'għandhiex tiskarta il-konklużjonijiet tal-espert, speċjalment fuq materja purament teknika, b'mod leġġer jew kappriċċuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha għandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika" (Ara s-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat** deċiża fit-23 ta' Ġunju 1967 [Vol. LI.I.390]; u **Philip Grima v. Carmelo Mamo** deċiża fid-29 ta' Mejju, 1998). Dan apparti li f'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li, fejn ikun hemm konflitt fil-provi mressqa permezz ta' rapport ta' espert ex parte ma' prova oħra ta' espert mqabbad mill-Qorti, jekk ma jkunx hemm raġunijiet gravi u serji biex iwassluha tagħmel mod ieħor, il-Qorti għandha taddotta l-prova ta' l-espert tagħha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta'

Ottubru, 2002, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Attard v. Carmelo D'Amato**).

49. Tajjeb jiġi sottolineat illi l-espert kaligrafu ma rrelatax illi l-firma fuq il-prokura kontestata ma hiex tal-attur iżda li l-punti mhux kompatibbli jissuperaw il-punti kompatibbli.

50. Pero' l-prova peritali hija biss waħda mill-provi mressqa li l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni. Ta' rilevanza huma x-xhieda okulari li raw lill-attur jiffirma l-prokura kontestata kif ukoll ix-xhieda ta' l-istess attur.

51. In-Nutar Joseph Tabone xhed illi għalkemm għadda ħafna snin u allura ma jistax jiftakar il-każ partikolari, iddikjara illi qabel ma jiffirma bħala xhud tal-firma ta' persuna huwa jivverifika l-identita' ta' dik il-persuna mill-karta ta' l-identita' jew dokument ta' identifikazzjoni idoenu ieħor. Xhed ukoll illi fejn si tratta ta' prokura ġenerali bħalma hu l-każ mertu tal-kawża, jispjega lil dak li jkun ser jagħti l-prokura illi l-prokuratur ikun jista' jagħmel kollox għan-nom tal-mandatarju.

52. Ix-xhieda tal-attur Saviour Borg mogħtija fil-kawża odjerna hija dijametrikament opposta għax-xhieda li huwa kien ta fil-kawża li kienet ġiet istitwita mill-bank konvenut kontra tiegħu u li kif rajna llum tinsab *res judicata* b'sentenza tal-Qorti tal-Appell. Fil-kawża odjerna jgħid illi huwa kien ftiehem ma ħuh sabiex ħuh jiffalsifika l-firma tiegħu fuq il-prokura peress li l-attur ma setax joqgħod jistenna lin-nutar.

53. Il-Qorti tqis ta' rilevanza mhux żgħira il-fatt illi din l-istess prokura diġa kienet tagħmel parti mill-mertu ta' kawża oħra istitwita mill-bank konvenut kontra l-attur fl-ismijiet "HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg" fejn b'sentenza tal-20 ta' April 2012 l-attur odjern kien ġie kkundannat iħallas lill-bank konvenut (attur f'dawk il-proċeduri) is-somma ta' €13,976.24 oltre l-imgħax legali u l-ispejjeż wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tiegħu fosthom l-eċċezzjoni illi "l-garanzija allegata mill-Bank attur ġie ikkostitwita bi fordi u b'abbuz ta' prokura generali minnu mogħtija lill-konjugi Ingnatius u Pamela Borg" kif ukoll l-eċċezzjoni

tiegħu illi "<u>l-atti mwettqa bejn il-Bank attur u l-konjugi Ignatius u Pamela Borg m'humiex koperti bil-prokura mogħtija mill-konvenut."</u>

54. L-attur odjern kien appella minn dik is-sentenza. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fil-25 ta' Novembru 2016 l-appell ġie miċħud u s-sentenza tal-prim' istanza ġiet ikkonfermata fit-totalita' tagħha.

55. Fil-<u>kawża 459/03AL "HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg",</u> l-attur Saviour Borg xhed darbtejn dwar il-prokura annessa mal-kuntratt ta' self ippubblikat fl-14 ta' Marzu 1995.

56. Fit-3 ta' Ġunju 2004 xhed illi huwa jikkonferma li kien iffirma dik il-prokura wara li kienet ċemplitlu ommu u kienet talbitu sabiex jgħin lil ħuh il-konvenut Ignatius Borg li ried jieħu self mill-bank. "Fil-fatt jiena kont iffirmajt il-prokura li għadni kif għaraft." Kompla jixhed b'dettal kif flimkien ma ħuh kien mar fil-fergħa ta' San Ġiljan tal-Mid-Med Bank "fejn jiena kont iffirmajtlu garanzija għas-somma li kien qed jissellef….niftakar ukoll illi kont mort il-Mid-Med ta' San Giljan in konnessjoni ma' facilitajiet li kien se jiehu hija.".

57. L-attur Saviour Borg kien reġa' xhed fil-11 ta' Ottubru 2007. Spjega li kien mar ma' ħuh l-ufficju tan-Nutar Joseph Tabone, "…kemm mort hemm u jien qagħadt fuq hija, qalli dan ha taghmillu tajjeb…..u qbadt iffirmajt u tlaqt 'l hemm". Xhed ukoll illi f'dik l-okkażżjoni għand in-nutar kien hemm ukoll il-konvenuta Pamela Borg. Fl-istess testimonjanza Saviour Borg kompla jispjega li n-nutar "qalli ha taghmel hamest elef ghal huk u dana, ghidtlu ehe all right, u lil hija nafu, qalli toqghodx tikkonfondi, tibzghax, ghidtlu all right jien u ffirmajt u tlaqt l' hemm."

58. Waqt l-istess testimonjanza l-avukat tiegħu staqsih: "Dak in-nhar illi inti ffirmajt il-prokura, huk kemm kien ser jissellef flus mill-bank? Ghalxiex qallek li se taghmluha din?". Irrisponda hekk Saviour Borg: "Hu riedhom ghall-business….."

59. L-attur kien konsapevoli li qed jagħti prokura lil ħuh sabiex jagħmillu tajjeb għas-self li ħuh u martu kienu ser jieħdu mingħand il-bank konvenut. Fil-kawża

l-oħra l-attur jispjega b'dettal dak li kien ġara sew meta mar għand in-nutar sabiex jiffirma l-prokura kif ukoll meta akkumpanja lil ħuh u lil martu ġewwa l-fergħa tal-bank konvenut f'San Ġiljan sabiex isiru l-*guarantee forms*.

60. Mhux verosimili illi fis-snin 2003 u 2007 jixhed b'mod ċar li ffirma l-prokura u għal-liema skop kien iffirmaha u fis-sena 2016 jiftakar li ma kienx iffirmaha mhux għaliex ftakar hu iżda għaliex fakkru ħuh.

61. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru 2016 fil-kawża 459/03AL il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid dwar il-prokura mertu tal-kawża odjerna.

> 15. Din il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, li l-konvenut stess jammetti li hu kien ta prokura lil huh sabiex tintuza ghall-finijiet tal-garanzija bankarja rikjesta mill-Bank biex jaghti facilitajiet bankarji lil huh Ignatius Borg. Dan jirrizulta car mill-ewwel depozizzjoni moghtija minnu fil-25 ta' Novembru 2004 li fil-parti relevanti taqra hekk: "Fil-fatt jiena kont iffirmajt il-prokura li ghadni kif gharaft. Nghid ukoll illi kien hemm okkazzjoni fejn jiena kont mort ma' hija il-Mid-Med Bank ta' San Giljan, fejn jiena kont iffirmajtlu garanzija ghas-somma li kien qed jissellef jew li kien qed jiehu ghar-rigward taghha facilitajiet bankarji u li kienet is-somma ta' hamest elef lira [LM5,000]….. jiena l-prokura kont tajtha lil hija in konnessjoni mal-facilitajiet li huwa kien se jiehu mill-bank ……..kien gie hemmhekk… in-Nutar Joseph Tabone u dan qalli biex niffirma dokument. Jien kont iffirmajt minghajr ma tajt kaz x' kont qed niffirma. Fil-fatt nghid ukoll li lanqas in-Nutar ma' qrali dak li kont qieghed niffirma…".
>
> 16. Sussegwentement il-konvenut kien rega' xehed viva voce quddiem il-Qorti diversament presjeduta u li tat is-sentenza, u li ghalhekk dik il-Qorti kellha l-beneficju tal-iskrutinju tax-xhud waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda. L-ewwel Qorti, wara li ezaminat id-depozizzjonijiet kollha tax-xhieda, inkluza dik tal-konvenut kemm meta xehed fis-sena 2004 kif ukoll meta kien xehed quddiemha fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2007, waslet ghall-konkluzjoni li ma temminx lill-konvenut meta dan xehed li

hu ffirma dokumenti, inkluza l-prokura, minghajr ma kien jaf ghal xiex kien qed jiffirma. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li ma gie pprovat ebda ingann fl-ghoti tal-prokura u fl-amministrazzjoni tal-mandat, kienet wahda sostnuta minn diversi fatturi u konsiderazzjonijiet spjegati fis-sentenza appellata u li din il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti kienet wahda li ragjonevolment setghet tasal ghaliha mill-provi akkwiziti.

17. L-aktar importanti fost il-provi senjalati mill-ewwel Qorti, kien il-fatt li l-konvenut kien jaf li kien qed jaghti prokura ampja lil huh Ignatius Borg sabiex dan jiehu facilita` bankarja mill-allura Mid-Med Bank. Ghalkemm il-konvenut sussegwentement fix-xhieda tieghu pprova jaghti l-impressjoni li ma kienx jaf ghal xiex kien qed jiffirma, mill-provi rrizultaw elementi ta’ prova li jdghajjfu serjament din it-tezi, bhal per ezempju, li n-nutar naqas milli jispjegalu d-dokument [il-prokura] li kien qed jiffirma meta fuq l-istess att hemm dikjarazzjoni minn nutar, li huwa ufficjal pubbliku, li “I have warned the appearer of the importance and consequence of such appointment of attorney”. F’dawn ic-cirkostanzi jirrizulta lampanti n-nuqqas da parti tal-konvenut li jipproduci lin-nutar bhala xhud biex jixhed dwar din l-allegazzjoni. Barra minn hekk mill-provi jirrizulta li hu kellu kopja tal-prokura u allura mhi xejn verosimili li l-konvenut ma kienx jaf jew qara t-termini tal-mandat moghti minnu lil huh meta l-istess konvenut fl-ewwel depozizzjoni tieghu kien ammetta li kien qed jaghti prokura lil huh sabiex jghinu jakkwista facilita` bankarja.

[…]

20. Fl-ahhar nett din il-Qorti tosserva li, il-fatt li hu l-konvenut harab minn Malta lejn l-Ingilterra u, jekk verament huwa minnu, li l-konvenut ma jafx fejn mar joqghod huh [allegazzjoni li din il-Qorti tikkonsidra inverosimili] ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li allura bilfors li huh ingannah; il-provi juru l-kuntrarju, jigifieri li huh agixxa fit-termini tal-mandat lilu moghti.”

62. Il-Qorti mhiex tiddubita l-konklużżjoni tal-perit kaligrafu illi l-kors tal-kitba formanti l-firma "S.Borg" kif miktuba fuq il-prokura oriġinali ma hux kompatibbli mal-kors tal-kitba tal-attur peress li hemm "aktar punti inkompatibili milli punti kompatibili" ma' kif normalment jiffirma l-attur.

63. Il-Qorti ħasbet fir-tul fir-rigward u tasal għall-konklużżjoni illi dak li l-attur xhed fil-kawża 459/02AL ma jisfumax fix-xejn għaliex kważi għoxrin sena wara rapport kaligrafu jistabbilixxi illi fuq il-firma kontestata hemm aktar punti inkompatibbli milli punti kompatibbli.

64. Tenut kont ix-xhieda tan-Nutar Joseph Tabone, u aktar u aktar tenut kont ix-xhieda ċara u dettaljata tal-istess attur fil-kawża 459/02AL fejn jispjega mingħajr l-ebda eżitazzjoni iċ-ċirkostanzi li fihom kien iffirma l-prokura għand in-nutar Tabone, iċ-ċirkostanzi li fihom kien mar il-fergħa tal-bank in konnessjoni mas-self li ried jagħmel ħuh, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li għalihom kien daħal garanti għas-self li ħuh u martu riedu jagħmlu mill-bank; anke fid-dawl tar-relazzjoni peritali tal-espert kaligrafu nominat minn din il-Qorti, il-Qorti tqis illi fuq bażi ta' probabilita' il-firma fuq il-prokura kontestata hija l-firma tal-attur.

65. Għalhekk tqis illi l-ħames eċċezzjoni tal-bank konvenut timmerita li tiġi akkolta filwaqt li tiddikjara li t-talbiet attriċi ma humiex fondati.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiddikjara** l-mertu tal-ewwel eċċezzjoni fejn ġiet eċċepita l-konnessjoni ai termini tal-Artikolu 793 tal-Kap 12 bħala eżawrit in kwantu l-kawża hemm indikata ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-mori tal-kawża odjerna;

2. **Tiċħad** it-tielet eċċezzjoni tal-bank konvenut stante li l-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 ma hux applikabbli għall-azzjoni attriċi;

3. **Tilqa’** l-ħames eċċezzjoni tal-bank konvenut u tiddikjara illi fuq bażi ta’ probabilita’ l-firma fuq il-prokura kontestata hija l-firma tal-attur;

4. **Tiċħad** it-talbiet attriċi;

**Bl-ispejjeż** in kwantu għal tlett kwarti (3/4) a karigu tal-attur u in kwantu għal kwart (1/4) a karigu tal-bank konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta’ Novembru 2022.

**Deputat Registratur**